MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 7

13 ta' Novembru 2019

Minuti tas-seduta Nru. 7 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 13 ta' Novembru 2019 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 6 tat-22 ta' Novembru 2019 ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Kampanja dwar is-separazzjoni tal-iskart (K/6/11)

2.1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 2.2.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li l-Wasteserv baqgħu jinsistu li t-trakk illi jiġbor polystyrene (jablo), plastik, ħġieġ, karta, kartun, metal, żejt tat-tisjir, bozoz, u tessuti, fost oħrajn, jiġi pparkjat f'Misraħ il-Parroċċa.

2.1.3. Il-Kunsill qabel t-trakk għandu jiġi pparkjat mal-ġenb tad-dar tal-Arċipriet.

## 2.2.1. Parteċipazzjoni fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2019 (F/5)

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb li saret bejn is-6 u l-10 ta' Novembru 2019 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi fil-Belt Valletta. Hija nnutat li nbiegħu għadd ta' kotba ppubblikati mill-Kunsill. Kompliet billi rringrazzjat lis-sostenituri ta' din il-parteċipazzjoni – il-Viċi Sindku J. Buttigieg, is-Sinjuri Jeffrey Sammut, Jonathan Muscat, Stella Muscat u Clifford Vella, flimkien mal-uffiċjal Marvic De Debono.

2.2.3. Il-Kunsill ingħaqad mas-Sinjura Stellini fir-ringrazzjamenti tagħha.

**2.3.1. Tindif volontarju** **(T/6/1Vol IV) (A/5/3/Vol XIII)**

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.4.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li għall-attività tas-16 ta' Novembru 2019 ser isir tindif mit-tfal fis-*centre stip* tal-parkeġġ fl-Armier u fl-*area* qrib il-Belmar Lido u l-Victoria Bar & Restaurant. Kompliet tgħarraf li ser tattenti l-Kummissarju tat-Tfal is-Sinjura Pauline Miceli, filwaqt li l-ħaddiema ta' Ambjent Malta ser jippreparaw il-post fejn ser isir it-tħawwil tas-siġar. Hija kkonfermat ukoll li *T-shirts* bl-istemma tal-Kunsill, ser ikunu sponsorjati.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1. Tħejjijiet għall-Animal Fest 2019** **(A/5/3/Vol XII)**

2.4.2. Il-Kunsillier M. Abela rrefera għall-minuta 7.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-attività maħsuba li ssir fis-27 ta' Ottubru 2019, kellha titħassar minħabba l-maltemp. Huwa ppropona li din titħalla għal xi wieħed mill-Ħdud ta' Mejju 2020.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u laqa' il-proposta li saret, għalkemm ma' ġiet iffissata ebda data.

**2.5.1. Proġett – *KNOTS - Knowledge, Not Scepticism*** **(P/10/1/Vol IV)**

2.5.2. Il-Kunsillier G. Micallef irrefera għall-minuta 5.11.1. tas-seduta ta' qabel dwar il-konferenza li saret f'Rapashuta fl-Ungerija bejn it-8 u t-12 ta' Novembru 2019. Huwa, flimkien mal-Kunsillier K. Buttigieg għamlu preżentazzjoni grafika li tat ħarsa kronoloġika lejn l-attivitajiet marbuta magħha. Is-Sur Micallef għarraf ukoll li l-preżentazzjoni mid-delegazzjoni tal-Mellieħa dwar it-tema tal-konferenza, kienet tinkludi ntervista rrekordjata mill-Viċi Sindku J. Buttigieg, li kien ħa sehem f'konferenzi preċedenti parti mill-istess proġett.

2.5.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-andament tal-konferenza kien tajjeb, għalkemm l-akkomodazzjoni setgħet kienet aħjar, filwaqt li d-delegazzjoni waslet ftit siegħat tard minħabba ażżjoni ndustrijali mill-impjegati tal-linja tal-ajru li kienu qed jivvjaġġaw magħha. Huwa qal li dan il-proġett kellu kordinatur Taljan li jseġwi proġetti ta' din ix-xorta mill-fażi tal-applikazzjoni, matul l-implimentazzjoni, kif ukoll ir-rappurtaġġ li jkun irid isir wara. Huwa qal li dan jitħallas direttament mill-fondi allokati mill-proġett. Is-Sur K. Buttigieg qal li l-Kunsill għandu jara jekk jistax jottjeni s-servizzi tiegħu.

2.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. *Vehicle charging pillars*** **(V/4)**

2.6.2. Il-Kunsill I. Castillo rrefera għad-diskussjonijiet li kien hemm fis-seduti preċedenti dwar il-possibiltà li jiġu ntrodotti *vehicle charging pillars* fejn id-diversi *substations* tal-elettriku li jeżistu fil-lokalità. Kompla jgħid li huwa kellu kuntratti mal-Kap Eżekuttiv ta' Enemalta plc dwar din l-ideja u jidher li l-Enemalta tkun interessata u lesta tagħti l-elettriku mingħajr ħlas sabiex jiġu rikarigati l-batterija tal-vetturi.

2.6.3. Is-Sur Castillo kompla jgħid li f'kuntatti li kellu ma' Transport Malta, irriżulta li dawn għandhom mitejn *charging pillars*. Huwa jirrakkomanda li fil-Mellieħa jiġu nstallati tlieta minnhom fejn *substations* tal-Enemalta. Minn dawn il-*pillars* jiżistu doppji sabiex ikunu jistgħu jiġu rikarigati żewġ vetturi f'daqqa, għall-perjodu ta' ħin li jkun issettjat il-*pillar*. Bħala postijiet huwa ndika s-*substations* li ġejjin:

- Triq il-Qortin k/m Triq il-Pitirross;
- Triq il-Wied fejn id-Dar tal-Anzjani; u
- Triq Monsinjur Franġisk Xuereb faċċata ta' Triq l-Għasel.

2.6.4. Kompla jgħid li aktar ma jgħaddi ż-żmien ser jibdew jitfaċċaw *cables* imqabbda ma' residenzi privati biex jiġu rikarigati vetturi pparkjati fit-toroq. Huwa qal li permezz taċ-*charging pillars* ser titnaqqas il-ħtieġa ta' dawn il-*cables*.

2.6.5. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex imexxi bit-talba mal-Enemalta plc u Transport Malta.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Xogħlijiet fuq il-mains tad-drenaġġ f'Dawret it-Tunnara (D/1/Vol II)

3.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-marki biż-żebgħa li saru quddiem il-*boathouses* li hemm taħt Dawret it-Tunnara, fil-parti bejn Triq il-Barkazza u Triq it-Trill. Huwa staqsa dwar jekk huwiex ser isir xi xogħol tad-drenaġġ, peress li l-istess *boathouses* u binjiet li hemm fl-istess triq diġa għandhom is-servizz tad-drenaġġ.

3.1.3. Il-Viċi Sindku qal li diġa saru rappreżentazzjonijiet mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar dan, u qegħdin jaraw x'infrastruttura diġa għandhom biex jaġġornaw il-pjanti tagħhom u jmexxu skont x'jirriżulta.

### 3.2.1. Ħinijiet fuq ir-rotot tal-karozzi tal-linja X1 u 250 (T/5/1/Vol II)

3.2.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għal imejl datat 14 ta' Novembru 2019 dwar is-suġġett imsemmi. Huwa qal li ġie avviċinat minn studenti tal-Università u impjegati tal-Isptar Mater Dei li jivvjaġġaw permezz ta 'Rotot X1 u 250. Dawn qed jilmentaw li l-ħinijiet tat-tluq ta' filgħodu miċ-Ċirkewwa ġew skedati mill-ġdid kif ġej:

Rotta X1: 5:45 am u fis-7:30 am;

Rotta 250: 5:50 am fis-6:50 am

3.2.3. Kompla jgħid li ħafna *lectures* fl-Università, kif ukoll xiftijiet tal-infermiera u mpjegati oħra f'Isptar Mater Dei jibdew fit-8:00 ta' filgħodu. Issa dawn ġew kostretti jitilqu mal-karozza tal-5.45am u jaslu siegħa qabel il-ħin għaliex jaslu tard jekk imorru mal-ħinijiet ta' wara.

3.2.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li s-servizz tal-X1 qed jaffettwa wkoll l-istudenti li jattendu l-I.T.S. f'Ħal Luqa.

3.2.5. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li saru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta sabiex għallinqas waħda mill-karozzi tal-linja X1 u 250 titlaq fis-6.30am.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 11/11/19;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 21/09/19 – 21/10/19;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 22/10/19 – 30/10/19;
- Skeda ta' Pagamenti – 19/10/19 – 11/11/19;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. *Bus Shelter* fi Triq il-Kbira (B/6/Vol V)

5.1.2. Saret referenza għall-diskussjonijiet u spezzjonijiet li kien hemm dwar it-tqegħid mill-ġdid ta' *bus shelter* fi Triq il-Kbira, faċċata ta' Triq il-Garżella. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li permezz ta' imejl datat 8 ta' Novembru 2019, Transport Malta għarrfu li l-pjanta relattiva ġiet approvata mit-*Traffic Management and Road Safety Directorate*. L-istess pjanta saret skont ftehim li ntlaħaq ma' sid tad-dar li hemm warajħ.

5.1.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li sid-il proprjetà issa jrid ikun jaf x'ser jiġri, peress li jrid jirranġa l-bankina u l-aċċess, qabel imur joqgħod hemm.

5.1.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-pjanta għandha tiġi murija lis-sid konċernat.

**5.2.1. Tilwima dwar l-installazzjoni ta' *bus shelters*** **(B/6/Vol V)**

5.2.2. Is-Segretarju għarraf li permezz ta' żewġ imejls datati 15 u 21 ta' Ottubru 2019, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali talbet mandat mingħand il-Kunsilli Kokali sabiex taġixxi f'isimhom fi: (a) protest ġudizzjarju li sar minn 356 Holdings Ltd kontra l-AKL dwar l-installazzjoni ta' *bus shelters* ġodda minn Faces Consultants Ltd; u (b) sabiex taġixxi fi proċeduri legali li jista' jkun hemm dwar l-istess materja.

5.2.3. Is-Sur C. Debono kompla jispjega li l-Qorti ma laqatx il-protest ġudizzjarju ta' 356 Holdings Ltd u eventwalment l-istess soċjetà fetħet kawża lill-AKL (Ċit. Nru. 1018/2019) dwar minn għandu d-dritt jinstalla l-*bus shelters*. Is-smiegħ tagħha ġie appuntat għas-16 ta' Jannar 2020.

5.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-azzjoni li ttieħdet mis-Sindku u Segretarju.

**5.3.1. PA 11231/18 – Titjib fil-parkeġġi tal-Għadira** **(P/5/8/G)**

5.3.2. Saret referenza għal laqgħa li saret ma' Projects Malta fl-24 ta' Ottubru 2019, li għaliha attendew is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Is-Segretarju għarraf li fost l-aspetti tal-proġett li ġew diskussi kienet il-proposta li saret minn Projects Malta sabiex il-Kunsill jieħu f'idejh it-tmexxija tal-parkeġġ, iżda ġiet magħmula ċara li ma jistax jintalab ħlas għall-użu tiegħu. Dwar il-kontroll fuq id-dħul tal-*caravans* u *campers*, Projects Malta talbu lill-Kunsill jemenda l-*Bye-Laws* KLBL 37/02/2017 sabiex jiġi pprojbit l-aċċess ta' *caravans* u *campers* fil-parkeġġ. Ġiet ukoll mgħoddija pjanta aġġornata tal-parkeġġ.

5.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li huwa prematur illi f'dan l-istadju jiddikjara li lest jieħu t-tmexxija tal-parkeġġ. Konsistenti mal-pożizzjoni addottata aktar qabel kien hemm qbil li l-ipparkjar tal-*caravans* u *campers* għandu jiġi pprojbit fil-parkeġġ, u għaldaqstant għandha ssir emenda fil-*Bye-Laws* K.L.B.L. 37/02/2017.

**5.4.1. PA 7950/19 – Użu ta' art fil-Marfa bħala parkeġġ għall-karrijiet tal-opri tal-baħar** **(P/8/M)**

5.4.2. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni għall-applikazzjoni msemmija li saret lill-Awtorità tal-Ippjanar minn Transport Malta. Ġie spjegat li din tinvolvi l-bini ta' ħajt mad-dawra tas-sit affettwat bil-proposta. L-għoli tiegħu ma ġiex speċifikat.

5.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-art in kwistjoni għandha tintuża bħala parkeġġ għall-vetturi, billi dak formali li hemm aktar 'l isfel mhuwiex biżżejjed biex jilqa' għall-ħtiġijiet tal-lukanda li hemm biswit, il-passiġġieri li jivvjaġġa lejn Kemmuna, mir-residenti f'postijiet ta' vilaġġjatura li hemm fil-qrib, kif ukoll vetturi bil-karrijiet ta' opri tal-baħar li jiġu varati/mtella' fl-iskall li hemm fir-Ramla tal-Bir.

**5.5.1. *Parking bays* fi Triq it-Tramuntana** **(T/3/2/Vol XV)**

5.5.2. Saret referenza għal talba bil-kitba li saret mill-Kunsillier I. Castillo fis-27 ta' Ottubru 2019, fejn ġibed l-attenzjoni li l-ipparkjar fit-triq imsemmija jaqleb minn naħa għal'oħra f'partijiet differenti tat-triq. Huwa ppropona li dan isir fuq ix-xelluġ fid-direzzjoni tal-*one-way*.

5.5.3. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li wieħed irid jara fuq liema naħa hemm l-ikbar numru ta' garaxxijiet sabiex ma jitnaqqasx l-ispazju għall-ipparkjar.

5.5.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li għalkemm l-arranġament eżistenti ma jipprovdix għall-ipparkjar ta' vetturi fuq naħa waħda tat-triq, iservi sabiex wieħed ikollu jnaqqas il-veloċità.

5.5.5. Il-Kunsill qabel li l-arranġament eżistenti għandu jinżamm.

### 5.6.1. Maniġġ ta' traffiku fi Triq ix-Xagħra ta' Barra k/m Triq Ta' Fuq il-Widien (T/3/2/Vol XV)

5.6.2. Saret referenza għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta Nru. 5 tal-1 ta' Ottubru 2019, fejn intalab il-parir ta' Transport Malta dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fil-post imsemmi. Permezz ta' imejl datat 4 ta' Novembru 2019, Transport Malta wieġbu li huma tal-fehma li *T-Junction* normali hija biżżejjed, peress li l-volum tat-traffiku li jgħaddi minnha huwa baxxa ħafna.

5.6.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir proposta ġdida sabiex tiġi ntrodotta *mini-roundabout*.

**Commented [CD1]:** Talba lil TM

### 5.7.1. *Environment Visual Audit* f'Santa Marija Estate (P/9/4)

5.7.2. Saret referenza għal imejl datat 14 ta' Ottubru 2019, mibgħut mis-Sur C. Bull, il-konsulent dwar il-Pulizija tal-Komunità, fejn talab li jsir l-eżerċizzju msemmi flimkien mat-tim, il-Kunsill Lokali u possibilment fil-preżenza tal-LESA. Permezz tiegħu jkunu jistgħu jiġu identifikati fatturi li jikkawżaw nuqqas ta' sigurtà f'din iż-żona.

5.7.3. Il-Kunsill qabel li jinnomina il-Kunsillieri E. Bartolo u R. Bartolo Cutajar sabiex jagħmlu l-kuntatti meħtieġa mal-Pulizija tal-Komunità.

### 5.8.1. Tindif volontarju fl-Għadira u fiż-żoni tal-ikkampjar fl-Aħrax (T/4/6/Vol V)

5.8.2. Saret referenza għall-imejl datat 7 ta' Novembru 2019, fejn l-operatur tal-Mellieħa Holiday Centre, bħala parti mill-obbliġi soċjali tal-kumpanija, l-impjegati tagħha ser ikun impenjati f'tindif taż-żona bejn il-Mellieħa Holiday Centre u l-Mellieħa Bay Hotel, li tinkludi wkoll ir-riżerva tal-għasafar. Huma talbu li l-Kunsill jipprovdilhom *skip* fejn l-Għassa tal-Pulizija tal-Għadira.

5.8.3. Il-Kunsill approva t-talba.

5.8.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' imejl datat 23 ta' Ottubru 2019, Birdlife Malta talbu lill-Kunsill jipprovdi għall-ġbir tal-iskart li ser jinġabar mill-membri tagħha waqt attività ta' tindif li ser issir fiż-żoni għall-ikkampjar ġewwa l-Aħax fis-16 ta' Novembru 2019. Fi tweġiba mogħtija mill-Kunsill fl-1 ta' Novembru 2019, kien rakkomandat li l-attività tiġi posposta għal data oħra 'l barra mill-istaġun tal-kaċċa, peress li għal raġunijiet ta' sigurtà, il-Kunsill addotta *policy* li tillimità attivitajiet f'dan il-perjodu, waqt il-ħinijiet li hija permessa l-kaċċa,. It-talba minn naħa tal-Birdlife ġiet imtennija fl-4 ta' Novembru 2019.

5.8.5. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.9.1. *Otillo Race* fir-Ramla tal-Mixquqa (A/6/3/2/Vol 86)

5.9.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg rrefera għal imejl datat 11 ta' Novembru 2019, fejn intalab permess sabiex isir l-avveniment imsemmi fl-24 u l-25 ta' Novembru 2019. Intalab permess ukoll sabiex tintrama *shower* temporanja għall-għawwiema li ser jieħdu sehem.

5.9.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm jinkiseb il-permess mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu u l-Park tal-Majjisrat.

5.9.4. Is-Sur K. Buttigieg għarraf ukoll li fl-istess imejl kien hemm stedina sabiex jattendi rappreżentant tal-Kunsill f'xi ħin waqt l-attività.

### 5.10.1. Tibdil fl-iskedi tal-gbir tal-iskart domestiku (K/6/2/Vol V)

5.10.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għall-imejl datat 8 ta' Novembru 2019 mibgħut mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mitlub jgħid jekk għandux l-intenzjoni li jagħmel tibdil fil-ġranet li fihom jinġabar l-iskart domestiku qabel jiġi ppubblikat l-aġġornament annwali skont L.S. 549.40. Hija pproponiet li għandha ssir ġabra tal-borża s-sewda għall-iskart imħallat fiż-żoni Ta' Gerbulin u Tas-Sellum, bejn Lulju u Settembru minħabba l-influss ta'

resident li jiġu partikolarment fi tmiem-il ġimgħa. Hija qalet li n-nuqqas ta' dan is-servizz inħass matul is-sajf 2019.

5.10.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li minħabba raġunijiet ta' konsistenza ma' lokalitajiet, il-Ministeru konċernat ma kienx favur l-inklużjoni ta' ġbir fil-Ħdud. Il-mira tal-Ministeru hija li l-borża s-sewda titnaqqas u gradwalment il-ġbir tagħha jispiċċa għal kollox.

5.10.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li jitlob l-inkużjoni tal-ġabra in kwistjoni sakemm din tkun konformi mal-politika tal-Gvern Ċentrali.

5.10.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat ukoll li waħda mir-rekwiżiti li kien għamel il-Kunsill fis-sejħa biex tintagħażel l-iskema, kienet dik tal-ġbir tal-ħġieġ minn ristoranti u barijiet. Hija qalet li baqgħet ma ġiet implimentata.

5.10.6. Is-Segretarju kkummenta, li għalkemm is-sejħa kienet tinkludi r-rikwiżit imsemmi fil-minuta 5.10.5. aktar 'il fuq, l-ebda skema ma offra li jonoraħ, fid-dawl tal-pjanijiet tal-Gvern Ċentrali li jintroduċi skema dwar l-irkupru tal-konteníturi tax-xorb, li ser tidħol fis-seħħ fi Frar 2020.

### 5.11.1. Proġett – *Young Achievers* (Z/1/Vol II)

5.11.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf lill-Kunsill illi fit-12 ta' Novembru 2019, attenda laqgħa msejħa mis-Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi, fejn ġiet imnedija l-inizjattiva msemmija li hija ntiża sabiex tagħti rikonoxximent lil proġetti li jitwettqu minn żgħażagħ fl-etajiet bejn it-13 u t-30 sena. Dawn iridu jinvolvu l-komunità u l-għan tagħhom huwa li jbiegħdu liż-żgħażagħ minn perikli li jistgħu jaffaċċjaw fil-ħajja. Huwa spjega wkoll li l-proġetti sottomessi jistgħu jitwettqu mill-Kunsilli Lokali u organizzazzjonijiet mhux governattivi u għalihom hemm finanzjament sa massimu ta' €3,000. Is-sejħa tagħlaq fis-7 ta' Jannar 2020.

5.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.12.1. Pjan ħollistiku dwar it-tmexxija tal-Park tal-Majjistral (A/4/10)(C/4/Vol IV)

5.12.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li tneħħa t-terrapien li kien intrema fl-inħawi tal-Prajjet u eventwalment ser jitħawlu s-siġar.

5.12.3. Is-Sur J. Buttigieg informa wkoll li fis-seduta tal-Bord tal-Park tal-Majjistral tat-12 ta' Novembru 2019, kompla jiddiskuti l-pjan billi jistabilixxi kif għandhom jiġu wtilizzati l-assi li hemm fil-park, li jinkludu: binjiet u monumenti. Il-pjan irid jidħol ukoll fl-allokazzjoni tal-beni, ir-riżorsi meħtieġa, nkluż dawk finanzjarji; u l-aċċess bil-vetturi, fost aspetti oħra. Is-Sur J. Buttigieg fakkar li fis-Seduta Nru. 3 tat-12 ta' Awwissu 2019, kien iddeċieda li dan il-bini jintuża sabiex isir mużew dwar il-produzzjoni tal-melħ u l-għasel. Huwa staqsa dwar xi inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill f'każ li l-Bord jindika użu differenti fil-pjan rigward il-binja li ġiet allokata lill-Kunsill. Huwa staqsa wkoll dwar x'titlu għandu l-Kunsill fir-rigward tal-binja li ġiet allokata lilu.

5.12.4. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li permezz ta' ittra datata 19 ta' Novembru 2011, iffirmata mis-Segretarju Parlamentari għan-Negozji Żgħar u l-Artijiet, u mill-Kummissarju tal-Artijiet, it-*Tenements* E26217 sa E26234 ġew konċessi lill-Bord tal-Park tal-Majjistral, bl-eċċezzjoni ta' *Tenement* E26228, li speċifikament ġie konċess lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa

5.12.5. Sussegwentement ġie ffirmat *lease agreement* datat 3 ta' Frar 2012, bejn id-Dipartiment tal-Artijiet u l-Bord tal-Park tal-Majjistral, li permezz tiegħu ġiet formalizzata l-kirja li tkopri t-*Tenements* E26217 sa E26234, bl-eċċezzjoni ta' E26218 u E26228, b'tal-aħħar jappartjeni lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Ma' dan il-ftehim hemm kirja annwali ta' €3,000 fuq it-*tenements* kollha msemmija. Is-Sur C. Debono qal li minħabba l-fatt li ma ġiex ffirmat ftehim direttament mal-Kunsill, qatt ma kien hemm talba, la mid-Dipartiment tal-Artijiet u lanqas mill-Bord tal-Park tal-Majjistrali sabiex il-Kunsill iħallas parti mill-ħlas annwali marbut mil-kirja msemmija.

### 5.13.1. Spazji għall-karozzi wżati għal *shared transport* (V/4)

5.13.2. Is-Sindku għarraf li huwa kellu laqgħa mat-*technical operations executive* tal-Car Services Sharing Malta Ltd, fejn ġie mgħarraf li l-istess kumpanija qed titlob aktar spazji għall-vetturi tagħha f'dawn il-postijiet:

- Triq il-Mitħna l-Qadima qrib Triq Lewis Wettinger;
- Triq il-Marfa fejn l-Għassa tal-Għadira;
- Triq l-Għoljiet qrib il-kantuniera ma' Triq l-Etna; u
- Triq Qasam Barrani kantuniera ma' Triq l-Assedju l-Kbir.

5.13.3. Il-Kunsill approva l-allokazzjoni tal-erba' postijiet indikati.

### 5.14.1. Tiġdid ta' ġemellaġġi (K/1/5/Vol V)( K/1/5/3/Vol II)(K/1/5/4)

5.14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għaż-żjara li saret minn delegazzjonijiet mill-Kunsilli Lokali ta' Cavriglia u Agia Napa bejn id-9 u l-11 ta' Novembru 2019. Hija awgurat li din l-inizjattiva kordinata mill-Viċi Sindku J. Buttigieg tħalli r-riżultati mixtieqa.

5.14.3. Is-Sur Buttigieg aċċenna għall-fatt li ma kienx hemm delegazzjoni minn Adenau minħabba l-elezzjonijiet lokali. Huwa qal li issa l-pass illi jmiss huwa li l-għaqdiet sportivi, mużikali, u oħrajn jiġu mħeġġa jfasslu programm ta' attivitajiet li jistgħu jiżvolġu fil-lokalitajiet ġemellatti bejn l-2020 u l-2024.

Commented [CD2]: Ittra lill-għaqdiet.

5.14.4. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 5.15.1. *Musical "Naħal tal-Imħabba"* (A/5/3/8)

5.15.2. Is-Sindku għarraf li l-awtur tal-*musical* imsemmi, is-Sur Paul P. Borg talab li jingħata numru ta' kotba u CD's sabiex ikunu jistgħu jitqassmu lil xandara u kritiċi letterarji.

5.15.3. Il-Kunsill approva għotja ta' tletin ktieb flimkien mas-CD.

5.15.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li staqsiet lill-uffiċjal inkarigat minn Pjazza Teatru Rjal dwar il-possibiltà li dan jittellgħa fit-Teatru l-Miftuħ fil-Belt Valletta. Hija qalet li biex jintuża il-post bil-faċilitajiet u s-servizzi meħtieġa, Pjazza Teatru Rjal jitolbu ħlas ta' madwar €12,000.

5.15.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ma approvax li ssir l-ispiża msemmija.

### 5.16.1. Sewqan perikoluż fi Triq Ramlet il-Qortin (T/3/2/Vol XV)

5.16.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni dwar il-ħtieġa ta' *speed humps* fit-triq imsemmija peress li qed ikun hemm sewwieqa li jsuqu b'veloċità qawwija.

5.16.3. Il-Kunsill innota illi diġa kien hemm talbiet simili li jirrigwardaw l-istess triq. Dawn ma ntlaqgħux, peress toroq ta' din ix-xorta, sa ċertu punt jippermettu veloċità għolja. Minn naħa l-oħra, kien hemm qbil li għandhom jsiru *roundels* biż-żebgħa li jindikaw il-veloċità massima applikabbli għal toroq f'żoni mhux mibnija, ta' 80 kilometru fis-siegħa, skont l-Artiklu 127 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11)

### 5.17.1. Bejgħ ta' prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent (A/6/3/2/Vol 80)

5.17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-ECO Team talbu li f'Awwissu 2020 jużaw Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II għall-bejgħ tal-prodotti li huma jipromwovu. Ta' kull xahar dawn ikunu f'postijiet differenti madwar Malta u Għawdex, b'numru ta' bejjiegħa bi prodotti differenti. Dawn jinkludi ikel organiku frisk, ikel naturali u *snacks*, moda etika, ġugarelli u

affarijiet tad-dar, prodotti għall-kura personali naturali u mhux tossiċi. Jippromwovu wkoll l-arti u snajja, teknoloġiji innovattivi, fost oħrajn.

5.17.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm ma jinbiegħx ikel imsajjar fuq il-post.

**5.18.1. Kors tal-*laughter yoga*** **(E/3/1/11/Vol II)**

5.18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-imejl datat 5 ta' Novembru 2019, mibgħuta minn għalliema tal-*laughter yoga* li lesta tagħti sessjonijiet ta' siegħa, darba fix-xahar, mingħajr ħlas, sakemm il-Kunsill ma jitlobx ħlas għall-użu tas-sala.

Commented [CD3]: Wendy Stucuik

5.18.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-proposta sakemm is-servizz jingħata mingħajr ħlas.

**5.19.1. Għoti ta' injezzjonijiet kontra l-influwenza** **(M/8/Vol VI)**

5.19.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li kien hemm 745 persuna li bbenefikat mis-servizz mogħti mill-Kunsill biex ingħataw l-injezzjonijiet imsemmija. Hija kompliet tgħid li tixtieq turi l-apprezzatament tagħha għas-servizz mogħti mingħajr ħlas lis-Sinjuri Philip Bezzina u Mary Vassallo.

5.19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ngħaqad mas-Sinjura Brincat Stellini fir-ringrazzjamenti tagħha.

**5.20.1. Stat tal-bankina fi Triq Adenau** **(D/3/1/Vol V)**

5.20.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-pavimentar tal-bankina fuq il-pont ta' Triq Adenau iddeterjora u f'ċertu postijiet huwa perikoluż. Hija appellat sabiex dan jinbidel.

5.20.3. Ittieħdet nota sabiex ssir spezzjoni fuq il-post sabiex jiġi determinat x'għandu jsir.

**5.21.1. Skema ta' Finanzjament ghall-Gvern Lokali ghall-Kura tal-Annimali fil-Komunità** **(A/9)**

5.21.2. Il-Kunsillier M. Abela aċċenna għal imejl datat l-11 ta' Novembru 2019, mibgħut mill-*Animal Wefare and Promotion Service Directorate,* fejn staqsew dwar jekk is-servizz propost huwiex intenzjonat għall-qtates li jitħallew jiġru fit-toroq, jew għall-*pets* ukoll. Is-Sur Abela qal illi fi tweġiba li ngħatat lid-Direttorat ġie ċċarat li l-ħsieb tal-Kunsill huwa li jkopri l-qtates li tħallew fit-toroq.

5.21.3. Waqt id-diskussjoni fuq dan is-suġġett is-Sur Abela aċċenna li s-sitt kupuni illi qed jingħataw kull xahar mhumiex biżżejjed biex jlaħħqu mad-domanda, filwaqt li dawn mhux qed jitqassmu b'mod ugwali fost il-voluntiera kollha.

5.21.4. Il-Kunsilliera A. Brincat qalet li fil-passat kien hemm voluntiera li kienu jġibu l-kupuni huma stess. Hija pproponiet li jiżdied il-baġit għal din l-inizjattiva.

5.21.5. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm problema b'xi voluntiera li jiġbru l-qtates li huma morda, u mhux sempliċement biex jissewwew. Dawn qed iħallulhom fil-post ta' Selmun mingħajr ma jagħtuhom attenzjoni. Is-Sur C. Debono fakkar li din l-inizjattiva qatt ma kienet intenzjonata biex tagħti dan is-servizz. Fil-fatt meta jiġri hekk, l-ispejjeż tal-kura huma kbar u ċertament jissuperaw il-baġit allokat fi ftit ġimgħat. F'dan il-każ il-qtates ikollhom jiġu mgħoddija lid-Direttorat sabiex jaraw x'għandu jsir minnhom.

5.21.6. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għall-Estimi tal-Gvern Ċentrali għall-2020, fejn tħabbar li ser jingħataw fondi lill-Kunsilli Lokali għall-benesseri tal-annimali. Għaldaqstant, wieħed għandu jistenna sakemm tasal l-ittra mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena li ġejja.

**5.22.1. Tnaqqis tal-*carbon footprint*** **(A/4/5/Vol IV)**

5.22.2. Il-Kunsillier I. Castillo kkummenta li fil-kuntest Malti saret diffiċċli li wieħed isib spazzji fejn jitħawwlu aktar siġar. Minn naħa l-oħra hemm lok li jsiru *roof gardens* jew isir tiżjin tal-faċċati tagħhom bil-pjanti. Dan jista' jiġi obbligatorju permezz ta' leġiżlazzjoni sabiex din il-miżura tiġi applikata fuq bini ta' ċertu daqs. Is-Sur Castillo ssuġġerixxa li jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex minn naħa tagħha tagħmel pressjoni fuq il-Gvern Ċentrali ħalli jintroduċi leġiżlazzjoni f'dan is-sens.

5.22.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**5.23.1. Kompetizzjoni tas-*snooker* organizzata mill-Kunsill** **(S/4/2/Vol III)**

5.23.2. Kunsillier K. Buttigieg qal li nbdew il-kuntatti sabiex jiġi organizzat il-league tas-*snooker* u għarraf li għall-kompetizzjoni msemmija rreġistraw għoxrin kompetitur, ġejjin miċ-Ċentru Laburista; mill-Għaqda Mużikali Imperial; u mill-Mellieħa Sports Club. Il-logħob ser isir fuq bażi ta' *home-and-away*. Is-Sur K. Buttigieg qal li l-kompetizzjoni ser tibda fit-2 ta' Diċembru 2019. Huwa ppropona li l-premjijiet jibqgħu bħal tal-*league* preċedenti, kif jidher hawn taħt:

| **Kompetizzjoni** | **Valur tal-Kupun** |
|---|---|
| Individwali – L-Ewwel Post | €200 |
| Individwali – It-Tieni Post | €100 |
| Individwali – It-Tielet Post | €50 |
| *Doubles* – L-Ewwel Post | €100 kull wieħed |
| *Doubles* – It-Tieni Post | €50 kull wieħed |

5.23.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.24.1. Ċimiterju Sultana tal-Vittorji** **(C/7)**

5.24.2. Il-Kunsilliera Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni fiċ-ċimiterju msemmi hemm żewġ strixxi bil-ħamrija biswit il-ħajt ta' mat-triq, illi ma tantx huwa miżmum tajjeb u għalhekk qed tingħata dehra ta' telqa. Hija pproponiet li dawn jitneħħew.

5.24.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li jista' ikun li fil-passatt kien hemm xi oqbra tat-trabi.

5.24.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li dan is-suġġeriment għandu jiġi mgħoddi lill-uffiċjal inkrigat miċ-ċimiterji fi ħdan id-Dipartiment għas-Saħħa Ambjentali.

**Commented [CD4]:** Ittra lill-Ispettur Sanitarju nkarigat mid-Dfin. burials.ph@gov.mt

**5.25.1. Manutenzjoni meħtieġa fil-Park tal-Familja** **(P/4/6/Vol V)**

5.25.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li għaddejjin kuntatti mal-Ministeru tal-Edukazzjoni Impjiegi u s-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Isports bil-għan li tinkiseb għajnuna sabiex issir il-manutenzjoni fil-Park tal-Familja minħaba l-fatturi ndikati fis-Seduta Nru. 2 tas-16 ta' Lulju 2019.

5.25.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**6.1. Sejħa għall-kwotazzjonijiet MLC 6/2019 – Dwal Dekorattivi għall-perjodu tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena fi Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq/Misraħ il-Parroċċa, (Mellieħa) and Misraħ il-Parroċċa (Manikata)**
**(T/4/15)**

**Formatted:** Indent: Left: 0 cm, Hanging: 1.25 cm, Adjust space between Latin and Asian text, Adjust space between Asian text and numbers, Tab stops: Not at 1.25 cm

6.2. Is-Segretarju għarraf li saret l-evalwazzjoni tal-unika offerta li kien hemm, skont rapport tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni datat 31 ta' Ottubru 2019, li fih ġie rrakkomandat li l-kuntratt jingħata lis-Sur Carl Caruana.

6.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat.

**7.1. Thejjijiet għal Milied Mellieħi ____________ (A/5/3/7)**

7.2. Is-Sindku għarraf li l-kontenut kollu tal-avveniment imsemmi ġie konkluż skont kif ġej:

| | |
|---|---|
| Il-Ħamis, 19 ta' Diċembru | 19.30 – Kunċert Vokali mill-Kor tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina fil-Knisja tal-Manikata. Ser jiġi pprovdut trasport mill-Mellieħa għal Manikata. |
| Il-Ġimgħa, 20 ta' Diċembru – Taħt it-tinda f'Misraħ il-Parroċċa | 19.00 - Ftuħ tal-i*stands* tal-ikel |
| | 20.00 – Varjeta' mużikali bil-partecipazzjoni ta' Future Voices, Guggen Musik Band u Tribute Band tal-Queen bl-isem ta' Radio Queen |
| | 19.30 – Programm tal-Milied mill-Kor tas-Santwarju fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. |
| Is-Sibt, 21 ta' Diċembru – Taħt it-tinda fil-Pjazza tal-Parroċċa | 10.00 – Attività għat-tfal bejn it-3 u l-10 snin fejn ser ikun hemm diversi logħob, *face painting* u *shows* minn karattri popolari tat-tfal. It-tfal ser jingħataw rigal minn *Father Christmas* |
| | 15.30 – Attivita' għall-anzjani ġewwa d-Dar tal-Anzjani Madonna tal-Mellieħa |
| | 19.00 – Ftuħ tal-i*stands* tal-ikel |
| | 19.30 – Varjeta' mużikali bil-partecipazzjoni tal-Kor Vuċijiet Vittorjani, Artemocion Dance & Leisure Studio, Maria Cini fuq il-vjolin, Mark Anthony Bartolo – partecipant ta' X-Factor u Tikka Band |
| Il-Ħadd, 22 ta' Diċembru - Taħt it-tinda fil-Pjazza tal-Parroċċa | 18.00 – Ftuħ tal-i*stands* tal-ikel |
| | 18.00 – Varjeta' mużikali bil-partecipazzjoni ta' Solange Farrugia, John Cutajar fuq il-pjanu, Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial, Daniela Vella u Cassandra Scerri, Malcolm Pisani, Malta's Children Choir, il-kantant popolari li ħa sehem waqt X-Factor 2018 Ben Purple u l-Grupp JAMM bis-sehem ta' talent lokali kif ukoll mill-kantanti Corazon u Neville. |

7.3. Is-Sur D. Vella qal li ser ikun hemm bejgħ ta'ikel minn għaqdiet Melleħin, attrazzjonijiet oħra bħall-wirja ta' presepji u artiġġjanat imtella' mill-Art Club 2000 u mil-Ladies Craft Circle u r-rokna tat-tfal.

7.4. Tressqet ukoll stima tal-ispejjeż li tinkludi l-kunċert fil-knisja tal-Manikata, il-party tat-tfal u dak tal-anzjani, kif ukoll attivitajiet ta' Milied Mellieħi *per se'* li ser isiru taħt it-tinda. Is-Sindku spjega li l-ispiża tammonta għal €30,764. Din ser tkun koperta minn *sponsorship* dirett fil-każ tat-tinda, it-*tribute band* u l-kiri tas-siġġijiet, filwaqt li ser ikun hemm għota ta' €2,500 mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, permezz tal-*Events Support Scheme*. B'hekk jibqa' differenza ta' €16,084 li jitħallsu mill-baġit li alloka l-Kunsill għall-attivitajiet marbuta mal-Milied li jammonta għal €16,500.

## 8.1. Estimi Finanzjarji 2020 – Proġetti Kapitali (F/1/31)

8.2. Is-Segretarju fakkar li l-proġetti kapitali li għadhom ma ġiew attwati, jew konkluzi mis-sena 2019, huma s-segwenti:

| | |
|---|---|
| **7500** | **Programmi Speċjali** |
| 7502 | Triq l-Armier (Ftehim PPP) / Triq il-Qortin (Ftehim TM) |
| 7505 | Restawr tal-Batterija ta' Westreme u Mużew tat-Tunnara |
| 7517 | Tisbiħ ta' Triq l-Inkurunazzjoni (Ftehim DPF) |
| 7518 | Tisbiħ tat-Taraġ fi Triq San Publiju (Parti t'Isfel) |
| 7527 | Ġnien Publiku fi Triq Mons F Xuereb/Nahal/Etna Open Space |
| 7532 | *Lift* Panoramiku bejn Triq l-Inkurunazzjoni u Misraħ il-Parroċċa |

8.3. Il-Kunsill qabel li l-proġetti msemmija għandhom jiġu nklużi fl-Estimi 2020 peress li ġew implementati in parti, jew diġa ġew iddedikati riżorsi fit-tħejjija għalihom.

## 9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

9.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 11 ta' Novembru 2019.

9.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

9.4. Tressqet żewġ skedi ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li bejniethom ikopru bejn il-21 ta' Settembru u t-30 ta' Ottubru 2019.

9.5. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn id-19 ta' Ottubru u l-11 ta' Novembru 2019.

9.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn dawk preżenti, is-seduta spiċċat fil-11.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2019 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**